**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Mallia)**
**vs**
**Mohamed Al Shiekh**

**Illum, 7 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li l-Pulizija ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lil Mohamed AI Shiekh, ta' 30 sena, imwieled Syria nhar it-25 ta' Jannar 1994, residenti 389, Mdina Road Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 118299A fejn ġie akkużat:

*"talli fl- 22 ta' Settembru 2024, bejn is-siegħat tal-ħamsa u sebgħa ta filgħaxija (17:00hrs u 19:00hrs) u fix-xhur u snin ta' qabel f' Triq l-Imdina, Qormi, Malta u postijiet oħra diversi fil-Gżejjer Maltin:*

1. *Saq il-vettura ta' għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni HBZ532 mingħajr ma kellek liċenzja neċessarja tas-sewqan.*
2. *Talli ukoll saq il-vettura ta' għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni HBZ532 mingħajr ma' kont kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.*

3. *Kif ukoll nakkużak talli għamilt falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.*
4. *Nakkużak ukoll li xjentement għamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu.*
5. *Kif ukoll nakkużak talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew ghal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħti tagħrif falz."*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex b'żieda mal-piena skont is-subartikolu (1) tal-artiklu 15 tal-Kapitolu 65, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum il-prosekuzzjoni irtirat it-tielet akkuża

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum, wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament, l-imputat minn jeddu għażel li jammetti għal akkużi. Il-Qorti għaldaqstant ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u tagħat żmien lill-imputat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-

ammissjoni tiegħu, u meta reġgħet staqsietu, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena qieset l-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant fuq ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 59 tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, u l-artikoli 184 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mohamed AI Shiekh detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 118299A, ħati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannaħ għal-piena ta' multa ta' elfejn erba' mija ħamsa u sebgħin Ewro (€2,475) dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni kif ukoll tordna li l-ħati jkun skwalifikat milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' sena mid-data tas-sentenza, u filwaqt li tiddikjara li l-ħames imputazzjoni hija assorbita fir-raba imputazzjoni, fir-rigward tar-raba imputazzjoni tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' tlettax il-xahar (13) iżda, bis-saħħa tal-artikolu

28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skont l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti takkorda l-benefiċċju taż-żmien għal ħlas tal-multa inflitta permezz ta' din is-sentenza, u dana billi tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' mitt ewro fix-xahar fuq perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) xahar, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-aħħar ta' Novembru 2024, u l-aħħar skadenza tkun tal-bilanċ rimanenti.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana stante li ma jirriżultax li ġew maħtura esperti jew periti fil-proċeduri odjerni.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kap tal-Awtorita għat-Trasport.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------